**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 11 ta' Gunju, 2025**

**Rikors Revoka Nru: 1213/2024 AF**

Fl-Atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1397/2020 fl-ismijiet:

**Avukat Peter Caruana Galizia**

**Matthew Caruana Galizia**

**Andrew Caruana Galizia**

**u**

**Paul Caruana Galizia**

**vs**

**Jorgen Fenech**

**Melvin Theuma**

**George Degiorgio**

**Alfred Degiorgio**

**u**

**Vincent Muscat**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Jorgen Fenech u tas-socjetà Giglio Limited, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, din il-Qorti ntalbet tiddikjara,

> *"li r-rikorrenti jista' joffri garanzija xierqa li tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab l-hrug tal-att kawtelatorju li jirrikjedi l-artikolu 836(1)(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta bhala raguni biex jitnehha l-mandat u tilqa' t-talba tar-rikorrenti sabiex wara li l-mandat kawtelatorju numru 1397/2020 jigi revokat u dan taht l-istess kondizzjonijiet li dina l-Onorabbli Qorti tqis xierqa."*

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Marie Louise Caruana Galea, bl-assistenza ta' Dr. Kris Borg, kif minn din il-Qorti mahtura biex jirrelataw dwar il-proprjetà immobbli li biha Giglio Limited talbet li taghti garanzija ghal Jorgen Fenech.

Semghet lid-difensur jittrattaw ir-rikors.

Rat l-Art. 836(1)(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qieset illi l-valur moghti lill-immobbli mill-perit ma huwiex qieghed jigi kontestat. Madanakollu, l-istess valur huwa essenzjalment kondizzjonat b'diversi fatturi kif dettaljatament elenkati mill-perit legali.

L-istess sekwestranti fit-trattazzjoni tar-rikors urew lil din il-Qorti l-qbil taghhom li l-mandat jitnehha jekk jigu sodisfatti l-kundizzjonijiet imsemmija. Il-Qorti ma tqisx gustifikata t-talba taghhom ghall-imposizzjoni ta' penali f'kaz ta' nuqqas ta' ottemperanza da parti tal-konjugi Fenech li jirrilaxxaw il-fond meta mitluba.

F'dawn ic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti qeghda tqis gustifikata it-talba ta' Jorgen Fenech u Giglio Limited, u ghalhekk, qeghda tilqa' t-talba u tordna li jithassar il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 1397/2020 sa fejn dan jolqot lil Jorgen Fenech (ID 36482M) jekk l-istess Jorgen Fenech u Giglio Limited (C26588) jottemperaw ruhhom mal-kundizzjonijiet kollha mnizzla fid-dokument P3, paragrafi 1 sa 7 (fol. 279). Ghal dan il-ghan il-Qorti qeghda tinkariga lin-Nutar Malcolm Mangion biex jippubblika l-atti kollha mehtiega. Il-Qorti qeghda testendi l-inkarigu ta' Dr. Kris Borg sabiex dan jassisti lill-imsemmi Nutar fl-espletar tal-inkarigu.

L-ispejjez kollha inkluz dawk relatati mal-espletar tal-inkarigu tal-perit legali kif estiz jithallsu minn Jorgen Fenech u Giglio Limited.

IMHALLEF